MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Rikors Ta Revoka Numru. 397/2007

**Sarah sive Sara Tabone**

**vs**

**George Tabone**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih George Tabone ippremetta illi:

L-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-mandat odjern jigi revokat ghall-kollox u tordna l-hrug tal-kontro mandat opportun u inoltre tikkundanna lil Sarah sive Sara Tabone thallas lill-esponenti penali skond il-ligi u dana ghas-segwenti ragunijiet;

1. Skond kif indikat fil-kawzali ta` dana l-att, l-ammont li intalab jigi kkawtelat huwa ibbazat fuq kuntratt datat 18 ta` Dicembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela.

(Kopja ta` dana l-att qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. “GT1”).

2. Is-sekwestranti Sara Tabone, konvenjentement, naqset li tgharraf lil dina l-Onorabbli Qorti bl-att sussegwenti u cioe` dak iddatat 1 ta` Frar, 2005 fl-atti tan-Nutar Josette Cauchi (Kopja ta` dana l-att qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. “GT2”).

3. It-tieni att dak iddatat 1 ta` Frar, 2005 u cioe` l-att ta` rikonciljazzjoni hassar u annulla kif artikolu relattiv ghas-separazzjoni konsenswali li kien miftiehem u redatt fl-ewwel att u cioe` dak iddatat 18 ta` Dicembru, 2001, salv li Sara Tabone ghazlet li tirriverti ghal kunjom ta` zewgha u wkoll is-separazzjoni tal-beni jibqa` vigenti bejniethom.

4. L-effetti ta` rikonciljazzjoni ifisser li l-partijiet jirrivertu ghall-posizzjoni antecedenti l-kuntratt ta` separazzjoni u dana anke in kwantu jirriferi ghall-manteniment, kemm reciproku u anke ghall-manteniment versu t-tfal taghhom. Tant hu minnu li l-istess Sarah Tabone tul dawn is-snin kollha qatt ma ppretendiet u/jew ezercitat l-allegat dritt li tippercepixxi l-ammont ta` manteniment fl-ammont ikkawtelat.

5. Jirrizulta li t-talba tal-mandat odjern huwa bbazat fuq kawzali inezistenti u ghalhekk jidher car li l-htiega tal-ligi ghall-hrug ta` dana l-att kawtelatorju mhux talli m`ghandux jezisti izda huwa mankanti b`mod assolut.

6. Inoltre ic-cirkostanzi huma tali li z-zamma fis-sehh ta` dan il-mandat mhuwiex ragionevoli u lanqas gustifikat.

a. Il-partijiet ghandhom in komun immobbli li l-valur tieghu jissupera l-miljum lira Maltin.

b. L-istess Sarah Tabone hija debitrici ta` l-esponenti f`ammont ta` Lm 79,553 ammont li jirrapresenta bejgh ta` ishma mill-esponenti ghal fuq isem l-istess Sarah Tabone; liema ammont l-istess Sarah Tabone kapriciosament qed tonqos li thallas.

c. Inoltre l-istess Sara Tabone hija ukoll debitrici ta` l-esponenti f`ammont ta` circa Lm 48,000 dovuti lill-esponenti bhala sehmu mill-kummissjonijiet in konnessjoni ma bejgh ta` immobbli.

7. Inoltre l-esponenti qed jinsisti fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 836 (8) u dana billi l-istess Sarah Tabone fl-ebda mument ma interpellatu ihallas l-ammont kif indikat f`dawna l-atti, u inoltre ma hemm ebda cirkostanza li tindika ragunijiet ta` urgenza ghall-hrug ta` dan il-mandat. Anzi kollox jindika li l-hrug ta` dan il-mandat huwa reazzjoni ghall-azzjonijiet legali inizjati mill-esponenti in kwatela ta` l-krediti tieghi fuq imsemmija. L-esponenti jitlob li dina l-Qorti tapprezza dan l-aspett u jekk jirriultalha m`ghandiex tippermetti minn jabbuza bi proceduri legali biex jivvassa l-parti l-ohra. Dana l-ahhar sottomissjoni hija sostanzjati mill-fatt li l-istess Sarah Tabone taf ben tajjeb dwar il-kapacita` finanzjarja tal-esponenti u dan kif elenkat fil-paragrafu precedenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti, u abbazi tal-Artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tordna r-revoka tal-mandat fl-ismijiet premessi u tordna l-hrug tal-kontro mandat oppotun u inoltre wara li tqies ic-cirkostanzi u fatti kollha relattivi tikkundanna lill-istess Sarah sive Sara Tabone thallas penali, fl-ammont li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, a favur l-esponenti u dana abbazi tal-Artikolu 836 (8) (b) (c) u (d).

Bl-ispejjez kollha ta` dawn il-proceduri kontra l-istess Sarah sive Sara Tabone.

Rat ir-risposta fejn fiha Sarah sive Sara Tabone eccepiet illi:

It-talba ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru sucitat ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra George Tabone ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Il-partijiet kienu sseparaw bonarjament permezz ta` kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Abela tat-18 ta`

Dicembru, 2001 esebit f`dawn l-atti bhala Dok GT. Huwa minnu li l-kreditu pretiz minn Sara Tabone huwa ibbazat fuq il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta` l-akkwisti naxxenti minn dan il-kuntratt billi l-istess George Tabone naqas li jadempixxi xi obbligi finanzjarji versu l-ekukazzjoni w t-trobbija ta` uliedhom u spiccat taghmel tajjeb ghalihom Sara Tabone.

2. Huwa minnu wkoll li l-partijiet kienu rrikonciljaw permezz ta` att rikonciljatorju tal-1 ta` Frar, 2005 esebit f`dawn l-atti bhala Dok GT2.

3. Cioe` nonostante George Tabone huwa kompletament zbaljat meta jsostni, fir-rikors promotorju tieghu ghar-revoka ta` dan il-mandat ta` sekwestru, li *"l-att ta` rikonciljazzjoni hassar u annulla kull artikolu relattiv tas-separazzjoni konsenswali"* tat-18 ta` Dicembru, 2001. Infatti fl-istess att rikonciljattiv ta` l-1 ta` Frar, 2005 hemm provdut li, minkejja r-rikonciljazzjoni, il-partijiet zammew fermi d-disposizzjonijiet kollha relattivi ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta` l-akkwisti li kienet saret permezz tal-kuntratt ta` separazzjoni konsenswali tat-18 ta` Dicembru, 2001.

4. Kwindi George Tabone huwa kompletament zbaljat meta jsostni li l-effetti tar-rikonciljazzjoni ifisser li l-partijiet jirrivertu ghall-posizzjoni antecedenti l-kuntratt ta` separazzjoni. Tant hu hekk li l-istess George Tabone qieghed jippretendi, permezz ta` mandat ta` sekwestru iehor mahrug minnu fil-konfront ta` Sara Tabone, li Sara Tabone thallas lilu xi pagamenti rateali fuq kawzali ibbazati fuq il-kuntratt ta` separazzjoni tat-18 ta` Dicembru, 2001. Kull kumment iehor huwa superfluwu.

Ghaldaqstant Sara Tabone umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta` sekwestru fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kontra George Tabone.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat li, permezz ta` din il-procedura, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta` mandat ta` sekwestru 295/2007 mahrug minn martu fil-konfront tieghu biex tikkawtela kreditu ta` Lm 26,500 sehemu mill-hlas ta` manteniment, edukazzjoni, titjiriet u assikurazzjoni ta` sahha ta` uliedhom, u dana skond kuntratt ta` separazzjoni ffirmat bejniethom fl-2001.

Ir-rikorrenti qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Art. 836 (1) (b) (d) u (f) tal-Kap. 12. Huwa jsemmi li fl-2005 il-partijiet kienu rrikonciljaw bejniethom u kienu ffirmaw ftehim f`dan is-sens.

L-intimata fir-risposta taghha tikkontendi li d-disposizzjonijiet patrimonjali fil-kuntratt originali ta` separazzjoni baqghu fis-sehh minkejja l-att ta` rikonciljazzjoni.

Il-Qorti tinnota illi ghaddew xi snin bejn iz-zewg kuntratti. It-tieni kuntratt prima facie ma jsemmi xejn dwar l-obbligi imposti mill-ewwel kuntratt fil-materja ta` spejjez ta` manteniment u edukazzjoni tat-tfal. L-intimata odjerna ssostni li dawn ghadhom dovuti. Konsegwentement, din m`hijiex materja li ser tistudja din il-Qorti. L-allegazzjoni li tali somom ghadhom dovuti skond il-kuntratt originali hija materja fil-kompetenza tal-Qorti li ser tistudja l-mertu tal-kwistjoni. L-intimata ghandha kull dritt tikkawtela l-pretensjonijiet taghha bil-mezzi li taghtiha l-ligi.

L-istess rikorrenti jinsisti ukoll fir-rikors tieghu li m`huwiex ragonevoli u lanqas gustifikat li l-mandat jibqa` fis-sehh peress li l-partijiet ghandhom in komun proprjeta` ta` valur konsiderevoli. Il-Qorti tinnota li, skond ma qalet l-istess intimata fix-xhieda taghha, l-istess proprjeta` hija ipotekata. Ma ngabux provi konkreti dwar dawn il-pizijiet, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din l-allegazzjoni, anki in vista tal-fatt li jidher li ghadhom jezistu diversi pendenzi patrimonjali ohrajn bejn il-partijiet.

Finalment, ir-rikorrenti jitlob li l-Qorti timponi fuq l-intimata penali a bazi tal-Art. 836 (8) (b) (c) u (d) tal-Kap. 12. Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi li fihom il-Qorti tkun gustifikata li timponi tali penali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------